**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Frar 2023**

Rikors Numru: 604/22 AL

A B C D

vs

E F

(M.R. Numru 3491/2016)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A'.

2. Illi l-partijiet għandhom iben bl-isem G li twieled fit-2 ta' Lulju 2015;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dr Maria Briffa, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. 'B'.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma ilhom separati u jgħixu wkoll hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin ghal ferm izjed minn sena.

5. Illi in oltre il-kuntratt ta' separazzjoni jipprovdi ghar-rigward hlas ta' manteniment ghall-minuri Oliver filwaqt illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghal manteniment minghand xulxin ;.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir- Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha  tal-14 ta'Dicembru 2022

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Gunju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.